MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1159/2011

**Johann Baldacchino Romano (K.I. 172876 M)**

**bhala mandatarju ta' l-assenti Edmond Mehran Estephan**

**(Passaport Lebaniz Numru RL 1590025)**

**vs**

**Ghazi Haigaz Kaskanian**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi Edmond Mehran Estephan kien ilu jissuplixxi u jbiegh magni tal-hjata industrijali fil-Libanu bhala agent ta' kumpanija Taljana sa mill-1972;

1.2. Illi fost l-ohrajn kien jissuplixxi lis-socjeta` *"Kaskanian Bros. Joint Company"* li kienet fabbrika tal-hwejjeg;

1.3. Illi L-imsemmija *"partnership"* kienet tippartjeni lill-intimat flimkien ma huh Misak Haigaz Kaskanian;

1.4. Illi l-imsemmi mandatarju kien biegh u ikkonsenja lill-imsemmija *"partnership"* makkinarju tal-hjata li kien jiswa erbgha u erbghin elf dollar American, (USD 44,000.00);

1.5. Illi mill-ammont fuq indikat thallset biss is-somma t'erbghat elef dollaru Amerikan, (USD4,000.00);

1.6. Illi l-ammont rimanenti, li ghalih inhargu wkoll kambjali pagabbli f'diversi partiti bejn il-11 ta' Jannar, 1994, u l-11 t'April tal-istess sena, baqa` ma thallasx;

1.7. Illi fl-1996 il-fuq imsemmi mandatarju kien infurmat li l-ahwa Kaskanian kienu harbu mill-Libanu minhabba d-djun li kellhom;

1.8. Illi fid-29 ta' Novembru, 2004, kienet giet deciza procedura kriminali kontra l-imsemmija ahwa Kaskanian stante falliment frawdolenti, (ara foll 12);

1.9. Illi fis-6 t'April, 1998, it-Tieni Awla tal-Qorti ta' Prima' Istanza ta' Jabal Libnan, iddikjarat il-falliment tal-*"partnership" "Kaskanian Bros-Joint Company"* u tal-*"Joint partners"* taghha Misak u Ghazi Haigaz Kaskanian, u appuntat lill-Avukat Nabeeh el-Jardi bhala *"bankruptcy attorney"*, (ara foll 21);

1.10. Illi sussegwentement l-imsemmi Estephan intavola l-procedura necessarja quddiem l-imsemmi el-Jardi biex jigi inkluz fil-konkors tal-kredituri tal-imsemmija *"partnership"*;

1.11. Illi fuq talba appozita ta' Estephan inharget stqarrija ufficjali tac-*"Chief Clerk of the Court Considering Bankruptcy Cases in Jabal Libnan"* datata z-17 ta' Lulju, 2007, li permezz taghha gie definittivament ikkonfermat li Estephan hu kreditur tal-*"partnership"* falluta fuq gia` riferita, u dan, ghas-somma ta' erbghin elf dollar Amerikan, (USD40,000.00), (ara foll 31);

1.12. Illi Estephan ghadu ma thallasx l-ammont fuq indikat lilu dovut stante li l-intimat u huh harbu mil-Libanu;

1.13. Illi jirrizulta li l-intimat jinsab Malta u jippossjedi wkoll karta ta' l-identita` lokali;

1.14. Illi l-mandatarju ghandu interess jinforza s-sentenza tas-6 t'April, 1998, tas-Sekond' Awla tal-Qorti ta' Prim' Istanza ta'

Jabal Libnan, (ara paragrafu numru wiehed punt disgha, (1.9.), aktar qabel);

1.15. Illi ghaldaqstant, aderixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara ezegwibbli s-sentenza fuq gia` riferita datata s-6 t'April, 1998, li permezz taghha l-*"partnership"* fuq imsemmija tal-intimat u ta' huh Misak kienet giet dikjarata falluta flimkien maghhom, flimkien ma' l-istqarrija datata iz-17 ta' Lulju, 2007, li biha Edmond Mehran Estephan kien gie ikkonfermat kreditur tal-istess *"partnership"* u tordna finalment l-esekuzzjoni tal-istess *ai termini* tal-artikli 825A – 828 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.15.2. Tiddikjara li l-intimat hu debitur ta' Edmond Mehran Estephan fis-somma ta' erbghin elf dollaru Amerikan, (USD40,000.00), rapprezentanti makkinarju tal-hjata mibjugh u kkonsenjat lill-istess;

1.15.3. Tordna lill-intimat ihallas lil Edmond Mehran Estephan l-ammont t'erbghin elf dollar Amerikan, (USD40,000.00), lilu dovut mill-intimat;

1.15.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti bl-oghla rata permessa mill-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata it-22 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-procedura odjern hi rritwali u nulla *stante* li imsejsa fuq kopji ta’ dokumenti iffirmati u konfermati biss mill-patrocinant legali f’Malta tar-rikorrenti *nomine* u tal-persuna li allegatament ittraduciet l-imsemmija dokumenti;

2.2. Illi m’hemm l-ebda attestazzjoni ufficjali u legali tal-kontenut ta’ l-istess dokumenti;

2.3. Illi ghalhekk dawn id-dokumenti m’ghandhom l-ebda forza legali u ghandhom jigu sfilzati;

2.4. Illi l-prokura specjali li suppost qed tawtorizza lir-rikorrenti *nomine* biex jidher u jagixxi f’isem il-mandanti tieghu hi nieqsa;

2.5. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu respinti *stante* li m’humiex konformi ma’ l-artiklu 811, 827 (1) u (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan *stante*:

2.5.1. Illi l-intimat qatt ma ircieva jew wiegeb ghall-procedura gudizzjarja bhal dik ipprezentata *in atti* mir-rikorrenti *nomine* u ghalhekk jezistu l-mankanzi serji imsemmija fl-artiklu 811 (b) u (c) tal-Kap 12 fuq indikat;

2.5.2. Illi gie ghalhekk ivvjolat il-principju baziku tal-*audi alteram partem*, u b’hekk, kull decizjoni mehuda fil-konfront tal-intimat kienet vizzjata, nulla, u priva minn kull effett legali;

2.5.3. Illi trattandosi ta’ proceduri allegatament mehuda *in kontumacia*, jonqos il-prova li l-partijiet kienu meqjusa kontumaci anke skont il-ligi estera – *ergo* Libaniza;

2.5.4. Illi l-procedura in dizamina hi preskritta *stante* li l-allegati rapporti kummercjali bejn il-partijiet bdew fl-1972 cirka, filwaqt li l-ewwel azzjoni ittiehdet fl-1994;

2.5.5. Illi rigward l-ezigwibilita` o meno tad-decizjoni tal-Qorti tal-Libanu datata s-6 t'Ottubru, (*recte* April), 1998, (ara foll 21), gia` ghaddew aktar minn tlettax (13) –il sena, u ghalhekk japplika l-artiklu 258 tal-imsemmi Kap 12;

2.5.6. Illi s-sentenza li fuqha qed tistrieh il-procedura odjerna jidher li ittiehet *ad stanza* ta' l-*Inaash Bank* li fiha intervenew biss l-ahwa Maroon u Tony Hamar;

2.5.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *nomine* hu estraneu *ai fini tal*-imsemmija decizjoni;

2.5.8. Illi ghalkemm ir-rikorrenti *nomine* jissemma` bhala konkorrent fi proceduri ta' falliment kontra l-*partnership* in dizamina fuq riferita, ma jissemmiex fis-sentenza moghtija fis-6 t'April, 1998;

2.5.9. Illi d-dikjarazzjoni kif espressa fid-Dokument immarkat Dok 'ES5', (ara foll 31), ma tammontax ghal sentenza rilaxxata minn qorti kif qed jipprentendi r-rikorrenti *nomine*;

2.6. Illi l-intimat m'ghandux jaghti l-ebda hlasijiet lir-rikorrenti *nomine*;

2.7. Illi konsegwentement it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

3. Semghet ix-xhieda prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati fl-atti;

5. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 133);

6. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata l-4 t’April, 2014, (ara foll 148), flimkien ma’ dik tal-intimat datata l-14 ta’ Mejju, 2014, (ara foll 154);

7. Semghat it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legal ital-partijiet;

Ikkunsidrat:

8. Illi qabel xejn ghandhom l-ewwel jigu legittimament epurati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat, senjatament dawk rigwardanti l-artiklu 811 u 827 tal-Kap 12 fuq gia` citat;

9.0. Illi f’dan ir-rigward jigi sintetikament senjalat is-segwenti:

9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 827 tal-imsemmi Kap 12, qabel ma qorti tiddeciedi ghandiex tezegwixxi sentenza moghtija minn qorti kompetenti estera ghandha l-ewwel tara jekk tali sentenza:

9.1.1. Tistax tigi attakkata taht wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artiklu 811 tal-istess Kap;

9.1.2. Ghandiex xi cirkostanzi li taghmel kompetenti l-qrati ta’ Malta taht l-artiklu 742 tal-istess Kap;

9.1.3. F’kaz ta’ kontumacja, il-partijiet kienux kontumaci skont il-ligi;

9.1.4. Ghandiex xi disposizzjoni kontra l-ordni pubbliku Malti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi ma jirrizultax li l-intimat kien gie notifikat bil-procedura indirizzata kontra tieghu li wasslet ghas-sentenza tas-6 t'April, 1998;

10.2. Illi lanqas jirrizulta mill-atti li gew nominati xi Kuraturi Deputati biex jirrapprezentawh fl-assenza tieghu mill-Libanu;

10.3. Illi ghalhekk tali mankanzi mhux biss jiksru d-disposizzjoni legittima tal-principju tal-*audi alteram partem* izda li konsegwenza tal-istess tali proceduri jivvjalaw l-ordni pubbliku Malti li din il-qorti ma tistax tissorvola inpunjament;

10.4. Illi *di piu`*, l-istess mankanzi jivvjolaw id-dettam specifiku kif espost fl-artikli 811 (b) u (c) tal-imsemmi Kap 12 li allura jirrendu impossibli ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjoni estera in dizamina;

10.5. Illi in oltre, l-ebda prova ma ingiebet mir-rikorrenti *nomine* f’dan ir-rigward, u konsegwentement din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirritjeni li l-intimat gie b’hekk gravament pregudikat bil-procedura estera li allura bl-ebda mod ma tista` tigi avallata mill-qorti odjerna;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi n-negozju riskontrat bejn il-partijiet jirrigwarda l-bejgh u xiri ta’ magni tal-hjata;

11.2. Illi jidher li dawn ir-rapporti kummercjali addirittura sehhew fl-1972;

11.3. Illi l-ewwel azzjoni tar-rikorrenti tirrizulta li giet intavolata fl-1994;

11.4. Illi n-negozju riskontrat hu ghalhekk legalment cirkoskritt ghall-limitazzjoni ta’ “azzjoni ta’ kreditur ghall-prezz ta’ merkanzija mibjugha bl-imnut”, (artiklu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

11.5. Illi l-perjodu ta’ preskrizzjoni statutorjament impost fir-rigward hu dak ta’ eghluq it-tmintax (18) -il xahar;

11.6. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta abbundantement assodat li l-perjodu in dizamina ilu li gie ssuperat;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza mitluba mir-rikorrenti *nomine* jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi l-procedura in dizamina giet inizjata minn bank bl-isem ta' *Inaash Bank*, li fih intervenew l-ahwa Maroon u Tony Hamdar;

12.2. Illi fl-atti riprodotti tal-istess sentenza, (ara foll 21 sa 24), ir-rikorrenti Edmond Mehran Estephan ma jirrizulta li jiffigura imkien u hu ghalhekk hu ghal kollox estraneu ghall-istess;

12.3. Illi l-imsemmi rikorrenti jiffigura f'rikors datat is-27 ta' Lulju, 2007, fl-atti tal-procedura ta' falliment mehuda fil-konfront tal-*partnership Kaskanian Bros. Company*, (ara foll 31);

12.4. Illi mid-dokumentazzjoni in atti fir-rigward ma jirrizultax li tali dikjarazzjoni hi ekwivalenti ghal sentenza rilaxxata minn qorti kompetenti kif trid il-ligi;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward il-kwistjoni ta' min verament hu debitur tar-rikorrenti jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

13.1. Illi fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Frar, 2014, ir-rikorrenti Estephan jikkonferma li effettivament id-debitur tieghu hi s-socjeta` Kaskanian meta jsostni:

> "... I say the debtors on behalf of the Company Kaskanian Company. However, the debtor is Kaskanian Company. The Bill of exchange at folio 91 is addressed on the name of Kaskanian Brothers, the Company" (ara foll 134)

13.2. Illi ghalhekk ghandu ulterjorment ikun pacifiku li l-intimat jirrizulata personalment estraneu ghall-vertenza in dizamina;

13.3. Illi *di piu`*, l-istess certifikat dwar il-kambjali in dizamina riprodott a foll 91 fuq gia` riferit, jindika b'mod car li l-istess kambjali jghajtu lil certu Zohrab Kiforkian li ovvjament hu estraneu kemm ghall-intimat u ghall-*partnership* jew issa wkoll *socjeta` Kaskanian Bros. Company;*

Ikkunsidrat:

14. Illi tenut kont tal-analizi tal-vertenza kif fuq esposta ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti *nomine* naqas jissosstanzja u jipprova il-kaz tieghu skont il-ligi;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess:

15.1. Tirrespingi t-talbiet kollha sollevati mir-rikorrenti *nomine* fil-konfront tal-intimat;

15.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat;

15.3.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine* fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------